MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 57/2022

It-Tlieta, 30 t'Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fid-9.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 56/2022 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

57.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

57.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

57.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 56/2022 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini bdiet billi rringrazzjat lil kull min ta' sehemu sabiex il-festa ta' raħalna setgħet issir wara nuqqas ta' sentejn speċjalment lis-sitt għaqdiet ta' raħalna.

57.3.2 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li nħareġ l-avviż għall-parteċipanti li jridu jieħdu sehem fl-iskambju ta' bejn Lanuvio. Infurmat lil membri li kien hemm 15-il parteċipant. Għaldaqstant ser terġa tintalab laqgħa mal-Comune di Lanuvio biex naraw it-triq 'il quddiem peress li dawn għanhom bżonn 25 parteċipant mill-pubbliku.

57.3.3 Rigward is-sejħa għall-ingaġġ ta' Asst. Prinċipal mal-Kunsill, is-Sindku nfurmat lil membri li wara li s-sejħa ħarġet mal-Jobsplus u dehret fuq il-gazzetta tal-gvern kien hemm biss żewġ

applikazzjonijiet. Kompliet tgħid li wara evalwazzjoni tal-kwalifiki ġie nnotat li dawn ma kellhomx il-kwalifiki neċċessarji rikjesti skond il-vaganza. Qalet li ġiet infurmata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali li fil-viċin għandhom jinbidlu l-entry level pero' għad trid tiġi emendata l-liġi. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jistenna dawn l-emendi.

57.3.4 Is-Sindku infurmat lil membri li waslet cirkulari sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-Pink October Campaign. Is-Sindku proponiet li jinxtegħel il-Kunsill. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li jinxtegħel ukoll ċ-ċentru waqt li l-Kunsillier Daniel Cordina propona li jinxtegħel bir-roża s-sies ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

57.3.5 Is-Sindku infurmat lil membri li fl-ewwel ġimgħa t'Awwissu l-Kunsill ġie nfurmat li l-Berġa tal-Pjazza qed tintuża mill-Primary Health. Ġew ikkuntatjati u saret laqgħa nformali. Minn din il-laqgħa rriżulta li l-Berġa qed tintuża bħala store. Għaldaqstant saret talba sabiex jingħata servizz għal pubbliku mhux tintuża bħala store. Kompliet tgħid li l-ġimgħa l-oħra l-Kunsill ġie nfurmat li mhux possibli li jingħata servizz minnha u għalhekk ġew mitluba jiżgombraw l-Berġa. Għaldaqstant kif kien diġa miftiehem f'laqgħa preċedenti nħareġ avviż fuq il-medja soċjali sabiex il-Kunsill ikollu direttorju ta' x'health care providers għandna fir-raħal. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jaqbel li l-Kunsill iħallas għas-servizz imma din qatt ma saret. Sostna li x-Xagħra fil-Berġa jsiru wkoll iċ-ċertifikati u għalhekk propona li jiġi kkomunikat mal-Ministeru għas-Saħħa.

57.3.6 Rigward il-Clean Up event – World Clean Up Day, is-Sindku proponiet u l-membri qablu li ssir is-Sibt, 17 ta' Settembru 2022 fl-inħawi ta' Wied l-Infern fid-9 ta' filgħodu. Qablu li ser jiġi provdut servizz ta' minibus mill-Pjazza taż-Żebbuġ u l-Ministeru għal Għawdex ser joffri l-boroż, il-ġbir tal-iskart u xi freebies. Ser jinħareġ avviż fuq il-medja soċjali f'dan ir-rigward.

## 57.4 Skrivan mal-Kunsill

57.4.1 Is-Sindku proponiet li jibdew il-proċeduri sabiex jinħareġ post għal skrivan (Skala 15) mal-Kunsill la darba ma kkwalifika ħadd għall-Asst. Prinċipal. Sostniet li huwa ta' bżonn kbir li din tinħareġ u

jintgħażel xi ħadd peress li l-Kunsill qed ibati minn nuqqas ta' ħaddiema. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-gazzetta tal-gvern mhux kulħadd jarha u għalhekk għandu jinħareġ reklam fuq il-medja soċjali tal-Kunsill ħalli l-pubbliku jkun aktar infurmat. Il-membri qablu li din għandha terġa tiġi diskussa.

57.5 Quarterly Financial Report

57.5.1 Ġie mistieden b'kollegament telefoniku l-Accountant tal-Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport lil membri tal-Kunsill. Spjega li l-Income & Expenditure fuq natura rikurrenti l-Kunsill għalaq dan il-quarter b'income ta' +€34,000. Kompla jgħid li sa Ġunju intefqu €330,000 fejn dan l-ammont ma kienx previst fil-budget u dan minħabba l-arretrati li ngħataw is-Segretarji Eżekuttivi. Pero qal li bħala spiża rikurrenti l-Kunsill qiegħed mal-budget. Rigward il-Proġetti Kapitali qal li hawn il-Kunsill qiegħed f'qadgħa naqra prekarja u dan peress li l-Kunsill ħallas kontijiet li għadhom iridu jiġu refunded mill-fondi tal-Planning Authority. Il-Kunsill għandu jħallas €280,000 lil kuntratturi fejn €200,000 huma xogħlijiet li saru fil-2021. Qal li dan il-kwart tas-sena spiċċa b' -€136,424 jiġifieri FSI -22%. Spjega li €95,000 huma l-ispiża tal-Kunsill fuq il-proġetti tal-Playing Field waqt li €47,000 huma xogħlijiet ta' bankini li saru. Is-Sindku rringrazzjat lil accountant ta' l-ispjega tiegħu.

57.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

57.6.1.1 Staqsiet meta hu mistenni li jitwaħħlu l-bankijiet fil-front ta' Marsalforn. Is-Sindku nfurmata li ġiet infurmata mill-Ministeru għal Għawdex li dawn ser jitwaħħlu.

57.6.1.2 Talbet sabiex il-bajja ta' Marsalforn tiġi inklussiva għal persuni b'siġġu tar-roti. Il-membri qablu li għandu jaħdem dwar dan.

57.6.1.3 Talbet li għandu jkun hemm sinjali ċari ta' fejn hemm is-swimming zones tal-klieb

57.6.1.4 Talbet sabiex fi Triq il-Merżuq isiru t-tabelli neċessarji.

57.6.1.5 Proponiet li Triq il-Qbajjar tingħata l-patching neċessarju.

57.6.1.6 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin ta' mal-ħajt ta' Triq il-Qbajjar fejn is-supermarket.

57.6.1.7 Sabiex tingħalaq għalqa li tinsab f'kantuniera fi Triq it-Torn.

57.6.2 Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:

57.6.2.1 Talab sabiex isir patching fi Triq il-Mitħna.

57.6.2.2 Rigward ix-xogħol ta' trinka li saret mill-privat f'Marsalforn. Qal li residenta għadha bil-problema fil-katusi tad-drenaġġ. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li tas-Sanita qedgħin jaħdmu fuqha. Qablu li għandha ssir reminder f'dan ir-rigward lil tas-Sanita'.

57.6.2.3 Staqsa rigward il-laqgħa li saret rigward il-Playing Field bejn il-Kunsill, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, id-Dipartiment għal Gvern Lokali u l-Uffiċċju ta' l-Awditur. Is-Sindku nfurmatu li ġie maqbul li d-differenza fil-prezz tiġi mħallsa mill-fondi tal-Planning Authority jekk il-Kunsill ikollu approvazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-Kunsillier Daniel Cordina fakkar li dawn l-ispejjes żejda kienu bżonnjużi peress li dan il-playing field kien ilu kkundannat għal aktar minn 10 snin. Sostna li illum dan il-playing field hu wieħed mill-aqwa. Enfasizza li dan mhux dejn imma investiment għal uliedna. Kompla jgħid li kien hawn xniegħa li l-Kunsill għandu d-dejn, qal li dan mhux minnu. Qal li l-lokalita' baqgħet għaddejja xorta bil-proġetti waqt li jiġu osservati r-regolamenti. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa għalfejn għadu ma ġiex inawgurat il-proġett. Is-Sindku Dott. Marlene Cini li dan għadu ma seħħx peress li l-Kuntrattur għadu ma tħallasx u kompliet tgħid li fil-laqgħa preċedenti din il-materja kienet ġiet diskussa pero' uħud mill-membri tal-Kunsill laħqu telqu mill-laqgħa. Il-Kunsillier Cordina wieġeb li xi membri telqu mill-laqgħa għax ma kinux kuntenti kif qed titmexxa l-laqgħa. Il-Kunsillier Nicky Saliba fakkar lil membri li meta kien Sindku kemm il-darba

talab sabiex issir l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett pero' l-Kunsill dejjem baqa' bla risposta.

57.6.2.4 Il-Kunsillier Nicky Saliba rringrazzja lil Kunsill għal azzjoni li għamillu waqt il-festa tar-raħal u fejn qal li kien hemm għajdut li hu kien ser iħassar il-festa. Kompla jgħid illi għamel 4 t'ijiem iduru miegħu l-pulizija. Qal li la hu u lanqas ħadd mhu ser iħassar il-festa. Kompla jgħid li nqala' diżgwid minħabba l-kamra fejn jinħażen in-nar. Iddikjara li hu kien bena din il-kamra u qal li ser jitlobhom sabiex issir dikjarazzjoni miktuba. Qal li mingħajr ma hu stess kien infurmat inbidlet is-serratura. Sostna li qed iħoss li l-Kunsill ma għandux fiduċja aktar fih. Is-Sindku Dott. Marlene Cini infurmatu li sa fejn taf hi l-Kunsill ma għandux ċwievet ta' din il-kamra u jekk hemm xi diżgwid dwar il-kamra tan-nar għandu jiċċara l-affarijiet mal-Għaqda tan-nar. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-Kunsill mexxa affarijiet personali fuqu. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jekk il-Kunsill mexxa xi qlajiet li mhux minnhom jikkundanna dan l-aġir u l-Kunsill għandu jibgħat għal membri.

57.6.3 Il-Kunsillier s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

57.6.3.1 Hawn il-Kunsillier Daniel Cordina qal li mhux aċċettabli li ilu jitlob dawn l-affarijiet u jieħdu dan iż-żmien kollu sabiex jitwettqu. Semma dawn:

- Il-ħajt ta' Triq Wied l-Abjad. Hawn is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill għadu jistenna l-BOQ mill-Perit tal-Kunsill.
- Il-linji sofor fejn it-tarmac plant. Hawn is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li dawn ser jinżebgħu l-għada mill-ħaddiema tal-gvern.
- Il-kisi ta' sqaq fi Triq il-Ponta. Hawn is-Sindku ċemplet quddiem il-membri lil Kuntrattur fejn dan infurma lil Kunsill li wara l-festi tal-Vitorja għandu jingħata bidu għal dan ix-xogħol.
- Il-Crash Barriers ta' Triq il-Knisja. Hawn is-Sindku infurmatu li l-Kunsill għamel reminders kemm il-darba sabiex jitwaħħlu.

- Is-Sellum tal-Bajja tax-Xwejni. Hawn is-Segretarju Eżekuttiv ċemplet lil kuntrattur fejn dan infurmha li qed jaħdem fuqu.
- Gandott Triq l-Għerejjex. Hawn is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill għadu jistenna l-veduti tal-Perit tal-Kunsill. Il-membri qablu li jinbena' ħajt ta' tlett filati.
- Railing mal-Ħajt fi Triq l-Għerrejjex. Il-membri qablu li jitqabbad kuntrattur ieħor.

57.6.3.2 Talab sabiex jinbidlu l-fanali ta' Triq il-Knisja peress li wasal iż-żmien li jinbidlu. Il-membri qablu li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

57.6.4 Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

57.6.4.1 Staqsa rigward il-ħajt/rampa fi Triq Sagħtrija minħabba l-aċċess għal ġo l-għalqa. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li l-Perit tal-Kunsill kien infurmah li dak jista' jsir.

Hawn il-Kunsillier Nicky Saliba qam u ħalla l-kamra fil-10.35 ta' filgħodu.

Il-Kunsillier Baskal Saliba kompla jgħid li s-sid ġab xi ġebel u l-kuntrattur tal-Kunsill seraqlu l-ġebel. Qal li jħoss li l-Kunsill stenna biżżejjed u propona li jsir mill-aktar fis possibli. Il-membri qablu li għandha terġa tiġi diskussa din il-materja mal-Perit.

57.6.4.2 Staqsa rigward il-permessi ta' divertiment okkażżjonali quddiem kiosk f'Marsalforn fejn qal li s-sid infurmah li ma nħarġulux il-permessi mill-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi dan is-sid applika għal permess kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt minn Lulju sa Settembru. Żiedet tgħid li dan is-sid ma ridx li jinħarġu ebda permessi oħra f'Marsalforn allavolja jkunu mbegħda minnu. Infurmathom ukoll li dan is-sid stess talabha sabiex tikkanċellohom.

57.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

57.7.1 Talba mis-CPT sabiex isiru double yellow lines mal-ewwel kisra fi Triq ix-Xagħra. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

Qablu wkoll li jsiru double yellow lines ukoll quddiem l-entratura għal playing field tat-tlett għoljiet.

57.7.2 Talba minn resident sabiex flok double yellow lines issir kaxxa safra fi Triq Santa Marija quddiem l-entratura tal-flats. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

57.7.3 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li tneħħew it-tabelli tal-one way minn Transport Malta minn Triq Manuel Magro.

57.7.4 Sabiex teħel kaxxa postali ġdida f'Marsalforn. Il-Kunsill kellu risposta mill-Maltapost li sabiex teħel waħda ġdida f'Marsalforn trid tinqala waħda miż-Żebbuġ. Hawn il-membri ma qablux ma dan.

57.7.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li saru talbiet ġodda għal reserved disabled parking bays fi Triq il-Qbajjar, Triq ta' Barda u tnejn fi Triq Santa Marija.

57.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ħarġet offerta' nru ZGLC/05/2022 – Supply and Installation of Playing Equipment and safe surfaces for Qbajjar Promenade – West End, including Paving and Related Works fejn din tagħlaq fit-22 ta' Settembru 2022.

57.7.7 Rigward Cirkulari Numru SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Il-membri ma qablux li l-Kunsill għandu japplika.

57.7.8 Inqrat Cir AKL 2022/082 – sigurta' ħdejn l-iskejjel. Il-membri nnotaw il-kontenut.

57.7.9 Ittra mingħand residenta fejn qed tilmenta rigward u l-linji sofor tul il-ħajt ta' Triq l-Isqof Pace. Il-Kunsill għandu jkellem lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

57.7.10 Emejl mingħand sid ta' ħanut fi Triq il-Wied fejn qed jilmenta li nsterqu l-barriers u l-karozzi qed jipparkjaw fl-encrochment area tiegħu. Is-Sindku nfurmat lil membri li dawn ser isiru.

57.7.11 Talba minn resident sabiex ma jibqgħux isiru t-testijiet tal-karozzi matul is-Sajf fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri ma qablux ma din it-talba pero' għandha ssir talba ma Transport Malta sabiex jeħlu iktar tabelli sabiex in-nies jkunu nfurmati li ma jistgħux jipparkjaw f'ċertu ħinijiet u ġranet.

57.7.12 Talba minn resident sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin minn Triq Ħabel it-Twil u teħel tabella fuq arblu biex ma jħammġux il-klieb. Il-membri qablu.

57.7.13 Talba minn resident sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin minn Triq tal-Ħluq u minn kantuniera fi Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu.

57.7.14 Talba minn resident fi Triq Mons Ġużeppi de Piro fejn it-telgħa ta' Triq ta' Ċenċ jinbena ħajt tas-sejjiegħ. Il-membri qablu.

57.7.15 Talba minn resident sabiex jeħlu iktar dog bins lejn Triq il-Ponta. Il-membri ma qablux.

57.7.16 Talba minn resident sabiex teħel bozza oħra fi Triq ta' Milied. Il-membri qablu li jsir dawl proviżorju peress li għadu qed isir xi bini.

57.7.17 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet korrispondenza mill-Cultural Heritage Directorate fejn talbu lil Kunsill jipprovdilhom post għal Exhibition 'On the Road'. Il-membri qablu li din issir fi Pjazza l-Assunta.

57.7.18 Ilment Nru 52/2022
Titlob sabiex isiru dogbins u bins normali fi Triq is-Sagħtrija.
Il-membri ma qablux.

57.7.19 Ilment Nru 53/2022
Jilmenta li ma baqgħalux reception tat-TV bl-aerial.
Il-membri proponew li dan l-ilment jgħaddi għand il-PBS.

57.7.20 Ilment Nru 54/2022
Talba sabiex titnaddaf Trejqet Christina Galea.
Il-membri qablu li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

57.7.21 Ilment Nru 55/2022

Sabiex isiru double yellow lines quddiem bank fi Triq il-Ponta.
Il-membri qablu.

57.7.22 Ilment Nru 56/2022
Sabiex isiru double yellow lines ma' ġnub ta' garaxx fi Triq il-Knisja.
Il-membri qablu.

57.7.23 Ilment Nru 57/2022
Talba sabiex teħel mera fi Triq ta' Tuttiet.
Il-membri qablu.

57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 37/2022 għall-perjodu ta' Awwissu 2022 li tammonta għal €89,137.90 ġiet approvata mill-membri preżenti.

57.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11 ta' filgħodu. Il-membri qablu li billi mhux il-membri kollha kienu preżenti, il-laqgħa li jmiss tiġi deċiża aktar il-quddiem.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv